Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 160/20**
il-Lussemburgu, 16 ta' Diċembru 2020

Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-597/18 P Il-Kunsill vs K. Chrysostomides & Co. *et*, C-598/18 P Il-Kunsill vs Bourdouvali *et*, C-603/18 P K. Chrysostomides & Co. *et* vs Il-Kunsill u C-604/18 P Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali sa fejn din ċaħdet ir-rikorsi għad-danni ppreżentati minn diversi individwi u kumpanniji minħabba atti u aġir tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni adottati fil-kuntest ta' assistenza finanzjarja mogħtija lil Ċipru u suġġetta għall-kundizzjoni tar-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju tiegħu

*Mill-banda l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Grupp tal-Euro jikkostitwixxi entità tal-Unjoni stabbilita mit-Trattati li l-atti jew l-aġir tagħha jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni*

Matul l-ewwel xhur tas-sena 2012, diversi banek stabbiliti f'Ċipru, fosthom Cyprus Popular Bank (iktar 'il quddiem "Laïki") u t-Trapeza Kyprou Dimosia Etaireia (Bank of Cyprus, iktar 'il quddiem "BoC"), iltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji. Għalhekk, fil-25 ta' Ġunju 2012, Ċipru ressaq talba għal assistenza finanzjarja quddiem il-President tal-Grupp tal-Euro, li indika li din l-assistenza kienet ser tingħata jew mill-Fond Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja, jew mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li kellu jiġi kkonkretizzat f'memorandum ta' qbil. In-negozjati ta' dan il-memorandum tmexxew, minn naħa, mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u, min-naħa l-oħra, mill-awtoritajiet Ċiprijotti. Fis-26 ta' April 2013, ġie ffirmat memorandum ta' qbil mill-Kummissjoni, f'isem il-MES, mill-Ministru tal-Finanzi Ċiprijott u mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru, li ppermetta l-għoti mill-MES ta' assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru.

Diversi individwi u kumpanniji, detenturi ta' depożiti ma' Laïki u ma' BoC, azzjonisti jew detenturi tal-bonds tagħhom, qiesu li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni, il-BĊE kif ukoll il-Grupp tal-Euro kienu, fil-kuntest ta' dan il-memorandum ta' qbil, eżiġew li l-awtoritajiet Ċiprijotti jadottaw, iżommu jew jimplimentaw b'mod kontinwu miżuri li pprovokaw tnaqqis sostanzjali fil-valur tad-depożiti tagħhom, tal-azzjonijiet tagħhom jew tal-bonds tagħhom. Għalhekk huma ppreżentaw rikorsi għad-danni mhux kuntrattwali quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu kkumpensati għat-telf li huma jallegaw li ġarrbu minħabba dawn il-miżuri.

Permezz ta' żewġ sentenzi tat-13 ta' Lulju 2018, K. Chrysostomides & Co. *et* vs Il-Kunsill *et* kif ukoll Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill *et* [1], il-Qorti Ġenerali, qabelxejn, ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill dwar ir-rikorsi għad-danni ppreżentati mill-individwi u mill-kumpanniji kkonċernati kontra l-Grupp tal-Euro. Sussegwentement, fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, li hija marbuta mal-illegalità tal-aġir ikkritikat fil-konfront tal-istituzzjoni tal-Unjoni u li teżiġi li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, hija ddeċidiet li l-individwi u l-kumpanniji li ppreżentaw dawn ir-rikorsi ma rnexxilhomx juru l-eżistenza ta' ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jew tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Peress li l-ewwel kundizzjoni għall-kontestazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma kinitx issodisfatta f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-imsemmija rikorsi.

[1] Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2018, K. Chrysostomides & Co. *et* vs Il-Kunsill *et*, T-680/13, u Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill *et*, T-786/14 (iktar 'il quddiem is-"sentenzi appellati"); ara l-istqarrija għall-istampa Nru 108/18.

**Adita b'appelli ppreżentati mill-Kunsill** (Kawżi C-597/18 P u C-598/18 P) **u mill-individwi u mill-kumpanniji kkonċernati** (Kawżi C-603/18 P u C-604/18 P), **kif ukoll appelli inċidentali ppreżentati mill-Kunsill** (fil-Kawżi C-603/18 P u C-604/18 P), **il-Qorti tal-Ġustizzja,** b'deċiżjoni tal-Awla Manja**, tannulla s-sentenzi appellati tal-Qorti Ġenerali sa fejn din tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill sa fejn dawn jirrigwardaw ir-rikorsi ta' dawn l-individwi u l-kumpanniji kontra l-Grupp tal-Euro u l-Artikolu 2(6)(b) tad-Deċiżjoni 2013/236** [2]**.** Mill-banda l-oħra**, hija tiċħad l-appelli tal-imsemmija individwi u kumpanniji**.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-**appelli ppreżentati mill-Kunsill fil-Kawżi C-597/18 P u C-598/18 P**, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, jippreżumi li aġir illegali jista' jiġi attribwit lil "istituzzjoni tal-Unjoni", li huwa kunċett li jinkludi mhux biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni elenkati fl-Artikolu 13(1) TUE, iżda wkoll il-korpi u l-organi kollha tal-Unjoni stabbiliti mit-Trattati, jew bis-saħħa tagħhom, u intiżi li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, l-ewwel, li l-Grupp tal-Euro jikkostitwixxi organu intergovernattiv ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem l-"IMME"). It-tieni, il-Grupp tal-Euro ma jistax jiġi assimilat ma' formazzjoni tal-Kunsill u huwa kkaratterizzat min-natura informali tiegħu. It-tielet, huwa ma għandu l-ebda kompetenza tiegħu stess u ma għandux is-setgħa li jissanzjona n-nuqqas ta' osservanza tal-ftehimiet politiċi konklużi fi ħdanu. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-Grupp tal-Euro kien entità "tal-Unjoni" stabbilita mit-Trattati, li l-aġir tagħha jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni**.

Hija żżid li, sa fejn il-ftehimiet politiċi konklużi fi ħdan il-Grupp tal-Euro jikkonkretizzaw ruħhom u jiġu implimentati, b'mod partikolari, permezz ta' atti u ta' aġir tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari, tal-Kunsill u tal-BĊE, **il-partijiet fil-kawża ma jiġux imċaħħda mid-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, peress li, kif barra minn hekk għamlu f'dan il-każ, huma jistgħu jippreżentaw rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni kontra dawn l-istituzzjonijiet abbażi tal-atti jew tal-aġir li dawn tal-aħħar jadottaw b'riżultat ta' tali ftehimiet politiċi. Hija tenfasizza, b'mod partikolari, li hija l-Kummissjoni, fil-kwalità tagħha ta' gwardjana tat-Trattati, li għandha tiżgura l-konformità tal-imsemmija ftehimiet mad-dritt tal-Unjoni u li l-passività eventwali tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tista' twassal għal kontestazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, **l-appelli inċidentali tal-Kunsill fil-Kawżi C-603/18 P u C-604/18 P**, dawn kienu intiżi li jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li, minn naħa, il-Kunsill kien, permezz tal-Artikolu 2(6)(b) tad-Deċiżjoni 2013/236, eżiġa li l-awtoritajiet Ċiprijotti jżommu jew jimplimentaw b'mod kontinwu l-konverżjoni f'azzjonijiet tad-depożiti mhux assigurati ta' BoC u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija awtoritajiet ma kellhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-Artikolu 2(6)(b) tad-Deċiżjoni 2013/236 ma jiffissax modalitajiet partikolari għall-implimentazzjoni tal-imsemmija konverżjoni, b'tali mod li l-awtoritajiet Ċiprijotti kellhom marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv f'dan ir-rigward, b'mod partikolari sabiex jiddeterminaw in-numru u l-valur tal-azzjonijiet attribwiti lid-depożitanti ta' BoC bi skambju mad-depożiti tagħhom mhux assigurati minn dan il-bank. Konsegwentement, hija tqis li **l-Qorti**

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli (ĠU 2013, L 141, p. 32, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2013/236"). Din id-deċiżjoni tipprevedi sensiela ta' miżuri u ta' riżultati bl-għan li jiġi kkorreġut id-defiċit baġitarju tar-Repubblika ta' Ċipru u li tiġi stabbilita mill-ġdid is-solidità tas-sistema finanzjarja ta' dan l-Istat Membru. L-appelli inċidentali ppreżentati mill-Kunsill kienu speċifikament jikkonċernaw l-Artikolu 2(6)(b) ta' din id-deċiżjoni, li jistabbilixxi li l-programm ta' aġġustament makroekonomiku għar-Repubblika ta' Ċipru kien jipprevedi li "ssir valutazzjoni indipendenti tal-assi [ta' BoC] u [ta' Laïki] u li jiġu integrati malajr l-operazzjonijiet [ta' Laïki] ma' dawk [ta' BoC]. Din il-valutazzjoni trid isseħħ malajr sabiex il-konverżjoni tad-depożiti f'azzjonijiet tkun tista' titlesta [f'BoC]".

**Ġenerali wettqet żball ta’ liġi meta qieset li Ċipru ma kellu l-ebda marġni ta’ diskrezzjoni, bis-saħħa ta’ din id-dispożizzjoni, sabiex jiddefinixxi l-modalitajiet partikolari ta’ din il-konverżjoni**.

Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-**appelli ppreżentati mill-individwi u mill-kumpanniji kkonċernati fil-Kawżi C-603/18 u C-604/18 P**, dawn qiesu li ksur suffiċjentement serju tad-dritt għall-proprjetà tagħhom, tal-prinċipju ta’ aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament kien imputabbli għall-atti u għall-aġir tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b’tali mod li l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni kienet issodisfatta.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabelxejn, li d-dritt għall-proprjetà [3] ma huwiex prerogattiva assoluta u li jista’ jkun suġġett għal limitazzjonijiet [4]. Hija tqis, b’mod partikolari, li, kif diġà ddeċidiet fis-sentenza tagħha Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE [5], **il-miżuri msemmija fil-memorandum ta’ qbil tas-26 ta’ April 2013 ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu intervent sproporzjonat u intollerabbli li jikser id-dritt għall-proprjetà tal-individwi u tal-kumpanniji kkonċernati**.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-fatt li, matul il-fażijiet preċedenti tal-kriżi finanzjarja internazzjonali, l-għoti ta’ assistenza finanzjarja lil IMME oħra ma kienx suġġett għall-adozzjoni ta’ miżuri speċifiċi ma jistax jitqies li huwa assigurazzjoni li tista’ tagħti lok għall-aspettattivi leġittimi tal-azzjonisti, tad-detenturi tal-bonds u tad-depożitanti ta’ Laïki u ta’ BoC li dan ikun ukoll il-każ fil-kuntest tal-għoti ta’ assistenza finanzjarja lil Ċipru**.

Fl-aħħar nett, wara li fakkret li **l-prinċipju ġenerali ta’ ugwaljanza fit-trattament** jimponi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b’mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-eżistenza ta’ ksur ta’ dan il-prinċipju**. Fil-fatt, hija tikkonstata li **l-kumpanniji u l-individwi kkonċernati ma jinsabux f’sitwazzjoni paragunabbli** għal dik tal-Bank Ċentrali ta’ Ċipru, li huwa esklużivament iggwidat minn għanijiet ta’ interess pubbliku, għal dik tad-depożitanti fil-fergħat Griegi ta’ Laïki u f’BoC, għal dik tad-depożitanti ta’ dawn iż-żewġ banek li d-depożiti tagħhom ma kinux jeċċedu EUR 100 000, għal dik tad-depożitanti u tal-azzjonisti tal-banek tal-IMME l-oħra li bbenefikaw minn assistenza finanzjarja qabel Ċipru jew lanqas għal dik tal-membri tas-settur bankarju kooperattiv Ċiprijott.

Bħala konklużjoni, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad fl-intier tagħhom l-appelli ppreżentati mill-kumpanniji u mill-individwi kkonċernati** (Kawżi C-603/18 P u C-604/18 P), **tannulla s-sentenzi appellati tal-Qorti Ġenerali fis-sens li tiċħad l-eċċezzjonijiet ta’ inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill sa fejn dawn jirrigwardaw ir-rikorsi ppreżentati kontra l-Grupp tal-Euro u kontra l-Artikolu 2(6)(b) tad-Deċiżjoni 2013/236, u, filwaqt li tagħti deċiżjoni definittiva dwar dawn l-eċċezzjonijiet [6], tilqa’ l-imsemmija appelli**.

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista’ tieħu konjizzjoni ta’ appell, limitat għal punti ta’ liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’ hija stess taqta’ l-kawża b’mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.*

[3] Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
[4] Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
[5] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta’ Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-8/15 P sa C-10/15 P; ara l-istqarrija għall-istampa Nru 102/16.
[6] Skont it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.